



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 14 ta' Marzu 2019
(OR. en)**

2018/0435 (COD)

PE-CONS 23/19

**COMER 19
CFSP/PESC 91
CONOP 12
ECO 19
UD 39
ATO 16
COARM 25
PREP-BXT 43
CODEC 300**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 billi tingħata awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni ta' esportazzjoni fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit**

REGOLAMENT (UE) 2019/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009
billi tingħata awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni ta' esportazzjoni
fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). It-Trattati mhumix ser jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara n-notifika, jiġifieri mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dan il-perijodu.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009¹ jistabbilixxi reġim komuni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju li huwa meħtieġ għall-promozzjoni tas-sigurtà tal-Unjoni u s-sigurtà internazzjonali u biex ikun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet ekwi għall-esportaturi tal-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 jipprevedi "awtorizzazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni ta' esportazzjoni" li jiffaċilitaw il-kontrolli fuq l-esportazzjonijiet b'riskju baxx ta' oġġetti b'użu doppju lejn ċerti pajjiżi terzi. Bħalissa l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, inkluż il-Liechtenstein, u l-Istati Uniti tal-Amerka huma koperti mill-awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni ta' esportazzjoni Nru UE001 stabbilita fl-Anness IIa għar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1).

- (4) Ir-Renju Unit huwa parti fit-trattati internazzjonali rilevanti u membru tar-reġimi internazzjonali dwar in-nonproliferazzjoni, huwa konformi bis-sħiħ mal-obbligi u l-impenji relatati. Ir-Renju Unit japplika kontrolli proporzjonali u xierqa sabiex jindirizza l-kunsiderazzjonijiet dwar l-użu finali intenzjonat u r-riskju ta' devjazzjoni b'mod effettiv, konsistentement mad-dispożizzjonijiet u l-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.
- (5) Meta jitqies li r-Renju Unit huwa destinazzjoni importanti għal oġġetti b'użu doppju prodotti fl-Unjoni, huwa xieraq li r-Renju Unit jinżdied mal-lista ta' destinazzjonijiet koperti mill-awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni ta' esportazzjoni Nru UE001 sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tal-kontrolli madwar l-Unjoni kollha kemm hi, għall-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi għall-esportaturi tal-Unjoni u biex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed, filwaqt li jiġu protetti s-sigurtà tal-Unjoni u dik internazzjonali.

- (6) Minħabba l-urġenza taċ-ċirkustanzi li jirriżultaw mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni , huwa meħtieġ li tiġi permessa l-applikazzjoni immedjata ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-inklużjoni tar-Renju Unit fl-awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni ta' esportazzjoni Nru EU001. Għaldaqstant dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (7) Ir-Renju Unit jenħtieġ li jinżdied mal-lista tad-destinazzjonijiet koperti mill-awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni ta' esportazzjoni Nru UE001 biss jekk l-ebda ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 50(2) tat-TUE ma jkun daħal fis-seħħ sad-data meta t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IIa għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 huwa emendat kif ġej:

- (a) it-titolu “Esportazzjonijiet lejn l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, inkluż il-Liechtenstein, u l-Istati Uniti tal-Amerka” jinbidel b’dan li ġej:

“Esportazzjonijiet lejn l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, inkluż il-Liechtenstein, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, u l-Istati Uniti tal-Amerka”;

- (b) fil-Parti 2 jiddaħħal l-inċiż li ġej wara l-inċiż “- l-Iżvizzera, inkluż il-Liechtenstein”:

“– Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq”.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-jum wara dak meta t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-TUE.

Dan ir-Regolament ma għandux japplika fil-każ li, sad-data msemmija fit-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu, ikun daħal fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 50(2) tat-TUE.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
